MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-22 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 24/2005

Lawrence Borg .

Vs

Joseph Galea, u
Loreta Galea .

Il-Qorti ,

Rat l-avviż illi permezz tiegħu l-attur talab lill-konvenuti jgħidu għaliex ma għandhomx jiġu kkundannati jħallsu lill-attur is-somma ta' elfejn, mitejn u wieħed u tmenin lira maltin (Lm2,281) dovuti minnhom lill-mittenti bħala bilanċ minn somma akbar għal provvista ta' ilma f'diversi okkażżjonijiet fuq inkarigu tagħkom .

Bl-inġunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni u bl-ispejjeż tal-ittri ufficjali ta' Novembru 2005 u l-1 ta' Diċembru 2005, tal-ittra interpellatorja tas-7 ta' Novembru 2005, tal-

mandati kawtelatorji kif ukoll tal-imgħaxijiet fuq l-ammont dovut mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv .

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenuti li ġġib id-data ta' l-għoxrin (20) ta' diċembru 2005 .  Innutat illi l-istess konvenuti baqgħu ma weġbux ghal dan l-avviż .

Semgħet lill-attur jikkonferma bil-ġurament tiegħu l-ammont mitlub fl-avviż u l-ispjegazzjoni li huwa ta għaliex qiegħed jippretendi il-ħlas ta' dan l-ammont mingħand il-konvenuti,

Il-Qorti, billi jidhrilha illi t-talba attriċi hija ġustifikata, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-istess talba attriċi, u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu in solidum bejniethom l-ammont indikat fl-avviż, u ċioe' s-somma ta' elfejn, mitejn, u wieħed u tmenin lira maltin (Lm2,281), dovuti minnhom lill-attur u dana bħala bilanċ minn somma akbar għal provvista ta' ilma f'diversi okkażżjonijiet fuq inkarigu tagħhom .

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' Novembru 2005, u ta' l-1 ta' Diċembru 2005, u tal-ittra interpellatorja tas-7 ta' Novembru, 2005, kif ukoll tal-mandati kawtelatorji relattivi, kif ukoll ta' imgħaxijiet fuq l-istess ammont, mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv, kollox kontra l-konvenuti .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------